MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2461/1999/1

**L-AWTORITA' TAD-DJAR**

**vs**

**Emmanuel u Victoria konjuġi CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Novembru, 1999, li bih l-Awtorita' attriċi ippremettiet:

Illi l-konvenuti ffirmaw kuntratt fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami datat 27 ta' Mejju 1996 li permezz tiegħu huma xtraw il-fond Dar 21 u Garaxx 27 Blokk B Binja Buqana Mtarfa (Dokument A huwa kopja tal-kuntratt);

Illi kif jirriżulta minn Dokument "B" (l-ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tar-Residenti) l-konvenuti kisru diversi klawsoli mill-istess kuntratt u senjatament il-klawsoli 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 10;

Illi skond klawsola 18 tal-kuntratt f'każ li tinkiser xi waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-istess kuntratt, dan jipprovdi illi:

*"Il-kompraturi jitilfu kull dritt ta' sussidju rigward l-imgħax fuq is-self mogħti b'dan l-att u jkunu obbligati li jrrifondu lill-Awtorita' s-sussidju mogħti minnha relattiv għall-imsemmi mgħax u/jew l-ispejjeż kollha magħmula mill-Awtorita', u l-Awtorita' tirriserva d-dritt li tieħu passi oħra skond il-ligi, jekk huma:-*

*(iii) jonqsu milli jħarsu xi waħda mill-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-att;*

*(iv) jonqsu milli jħallsu fiż-żmien stipulat il-porzjoni jew parti minnhom dovuta minnhom bħala ħlas għall-ispejjeż komuni tal-partijiet komuni fuq imsemmija;*

*Salv dak li ntqal fuq jekk il-kompraturi ma josservawx il-kondizzjonijiet kollha f'dan l-att, huma jeħlu penali ta' għaxar liri maltin fil-ġimgħa jew parti ta' ġimgħa li fiha jonqsu li josservaw l-imsemmija kondizzjonijiet sakemm jottemperaw ruħhom ma' l-istess kondizzjonijiet";*

Illi sa issa skond din l-istess klawsola il-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur l-ammont ta' Lm982.30 rappresentanti sussidji mħallsa, oltre penali ta' Lm10 fil-ġimgħa skond l-istess klawsola 18 tal-kuntratt;

Għalhekk l-Awtorita' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

i) Tiddikjara li l-konvenuti naqsu milli josservaw waħda jew iżjed mill-obbliġi minnhom assunti fil- kuntratt fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami u datat 27 ta' Mejju 1996 u senjatament klawsoli 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 10;

ii) Tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi l-ammont ta' Lm982.30 rappresentanti sussidju fuq l-imgħax;

iii) Tiddikjara id-data li fiha l-konvenuti għall-ewwel darba kisru xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt datata 27 ta' Mejju 1996 fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami;

iv) Tiddikjara l-penali dovuta mill-konvenuti lill-attur kalkolata bir-rata ta' Lm10 fil-ġimgħa mid-data ta' l-ewwel ksur ta' obbligazzjoni kontrattwali fuq deskritta;

v) Tordna u tikkundanna wkoll lill-konvenuti jħallsu lill-attur dik il-penali kif likwidata fir-raba' talba;

Bl-ispejjeż u l-interessi;

Il-konvenuti huma nġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Awtorita' attriċi, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-30 ta' Ġunju, 2000, li biha l-imħarrkin miżżewġin Calleja eċċepew:

1. Illi preliminarjament, din il-kawża għandha tiġi dikjarata deżerta a tenur ta' l-artikolu 963 Kap. 12, in kwantu iċ-ċitazzjoni attriċi ġiet notifikata lill-konvenuti aktar minn sitt xhur wara l-prezentata tagħha;

2. Illi preliminarjament ukoll, mingħajr preġudizzju għas-suespost, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla in kwantu nieqsa minn tifsir ċar u sewwa ta' l-oggett u r-raġuni tat-talbiet tagħha a tenur ta' l-artikolu 156(1)(a) Kap. 12, liema oggett u raġuni huma bazati fuq allegat ksur ta' kondizzjonijiet kontrattwali liema ksur jirriżulta esklussivament minn dokument mhux maħluf allegat maċ-ċitazzjoni, liema dokument ma ġiex notifikat lill-eċċipjenti;

3. Illi preliminarjament ukoll, mingħajr preġudizzju għas-suespost, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla in kwantu l-Awtorita' attriċi, jew aħjar ir-rapprezentant ta' l-Awtorita' attriċi li ħalef id-dikjarazzjoni tal-fatti attriċi, naqas li

jiddikjara fl- istess dikjarazzjoni liema fatti jaf bihom personalment a tenur ta’ l-artikolu 156(2) Kap. 12, u fil-fatt it-talbiet attriċi huma esklussivament basati fuq allegat ksur ta’ kondizzjonijiet kontrattwali riżultanti esklussivament minn dokument redatt u mhux maħluf minn terzi mhux fil-kawża, liema dokument ma ġiex notifikat lill- eċċipjenti;

4. Illi preliminarjament ukoll, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita’ attriċi ma għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ fl-allegat ksur tal-klawsoli kontrattwali minnha elenkati jew liema minnhom, in kwantu tali klawsoli jew liema minnhom ġew stipulati fl-interess ta’ terzi, u li għaldaqstant l-interess ġuridiku fl-allegazzjoni ta’ tali ksur jirrisjedi esklussivament f’tali terzi;

5. Illi fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi dwar l-allegat ksur tal-klawsoli 3 u 5 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit bħala “Dok. A”, l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment:

(i) illi l-obbligu ta’ manutenzjoni impost mill-klawsola 3(b) hija obbligazzjoni solidali mal-komproprjetarji l-oħra tal-partijiet komuni li tagħmel riferenza għalihom, li għaldaqstant hija obbigazzjoni li għaliha ma jistgħux iwieġbu l-eċċipjenti waħedhom;

(ii) illi qatt ma saritilhom l-ebda interpellazzjoni għall-ħlas, li kienet neċessarja ladarba trattasi ta’ spejjeż mhux ċerti u likwidi;

(iii) illi kwalunkwe interpellazzjoni għall-ħlas kellha skond l-istess kuntratt issir esklussivament mill-Assoċjazzjoni ta’ Residenti li kellha titwaqqaf u titmexxa skond it-termini tal-kuntratt fuq imsemmi u skond id-Dokument “B” anness ma’ l-istess kuntratt, liema Assoċjazzjoni qatt ma twaqqfet u/jew tmexxiet skond tali termini;

(iv) illi mingħajr preġudizzju, l-obbligazzjoni in kwistjoni hija obbligazzjoni li x-xorta tagħha jew il-mod li biha għandha tiġi esegwita igib magħhom il-ħtieġa ta' żmien li għandu jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 1077 Kap. 16;

(v) illi in partikolari dwar il-manutenzjoni tal-*lift*, jiġi eċċepit umilment illi l-eċċipjenti ma għandhomx jikkontribwixxu għall-manutenzjoni tiegħu, stante li dan il-*lift* ġie konsenjat mill-Awtorita' attriċi fi stat u f'kondizzjoni li ma tiffunzjonax, u billi huma ġew spoljati mill-uzu tiegħu bil-kunsens taċitu ta' l-Awtorita' attriċi, billi f'dan il-*lift* ġie nstallat minn komproprjetarji oħra tiegħu *lock* li ċ-ċwievet tiegħu jinsabu fil-pussess ta' tali komproprjetarji;

7. Illi dwar l-allegat ksur tal-klawsola 4 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit bħala "Dok. A", l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment:

(i) illi l-kuluri fuq imsemmija kellhom ai termini tal-klawsola in kwisjtoni jiġu determinati esklussivament mill-Assoċjazzjoni ta' Residenti li kelha titwaqqaf u titmexxa skond it-termini tal-kuntratt fuq imsemmi u skond id-Dokument "B" anness ma' l-istess kuntratt, liema Assoċjazzjoni qatt ma twaqqfet u/jew tmexxiet skond tali termini;

(ii) illi mingħajr preġudizzju, dwar il-kulur tal-bieb ta' barra, dan ma jinkwadrax ruħu fit-termini ta' l-imsemmja klawsola, in kwantu ma jikkwalifikax bħala "tikħil" jew "tibjid u kulur ta' gebla" jew "kulur tal-blokk u tal-partijiet komuni", liema termini jirreferu esklussivament għall-partijiet strutturali, ċioe' ġebla u tikħil, u għall-partijiet komuni, mentri l-bieb imsemmi huwa proprjeta' esklussiva ta' l-eċċipjenti;

(iii) illi mingħajr preġudizzju, l-istess bieb kellu jinżeba' bil-mod kif imżeba' minħabba li kif konsenjat mill-Awtorita' attriċi lill-eċċipjenti kien difettuz u magħmul minn injam mhux adattat għal bibien ta' barra, ġie attakkat mis-susa u kellu jingħata żebgħa apposta minħabba tali susa, b'mod illi l-kulur tiegħu huwa riżultat involontarju u

temporanju ta’ misura neċessarja okkazzjonata minn nuqqasijiet kontrattwali ta’ l-Awtorita’ attriċi; u

(iv) illi dwar l-allegat qatran mat-tieqa u l-gallarija tal-fond ta' l-eċċipjenti, jiġi eċċepit li l-allegazzjoni hija infondata, u li t-tbajja' in kwistjoni huma okkazjonati minn tikħil ta' kulur iswed magħmul minn kuntratturi inkarigati mill-istess Awtorita' attriċi, wara diversi lmenti min-naħa ta' l-eċċipjenti li kien dieħel l-ilma, kif għadu jidħol sallum;

8. Illi dwar l-allegat ksur tal-klawsola 6 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit bħala "Dok. A", l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment illi l-Assoċjazzjoni ta' Residenti li kellha titwaqqaaf u titmexxa skond it-termini tal-kuntratt fuq imsemmi u skond id-Dokument "B" anness ma' l-istess kuntratt qatt ma twaqqfet u/jew tmexxiet skond tali termini;

9. Illi dawr l-allegat ksur tal-klawsola 7 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit bħala "Dok. A", l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment illi ma huwiex minnu li l-eċċipjenti zammew tjur, fniek jew annimali oħra fuq il-bejt jew fil-partijiet komuni imsemmija jew ġewwa l-fond mibjuigħ lilhom fit-tieni parti tal-kuntratt imsemmi li għaliha tirreferi l-klawsola 7;

10. Illi dwar l-allegat ksur tal-klawsola 8 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit bħala "Dok. A", l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment:

(i) illi mhuwiex minnu li huma kissru tali klawsola;

(ii) illi mingħajr preġudizzju, qatt ma ġie impost fuqhom terminu sabiex jinstallaw il-*pots* imsemmija f'dik il-klawsola u li l-obbligazzjoni li huma jipprovdu *pots* ġio l-imsemmija ħwat għat-tqegħid tal-ħamrija hija obbligazzjoni li x-xorta tagħha jew il-mod li biha għandha tiġi esegwita iġibu magħhom il-ħtieġa ta' żmien li għandu jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 1077 Kap. 16; u

(iii) illi għall-bqija, huma dejjem ħadu ħsieb il-manutenzjoni tat-terrazzin imsemmi f'dik il-klawsola, u qatt ma poggew ħamrija direttament fil-ħwat imsemmija;

11. Illi dwar l-allegat ksur tal-klawsola 10 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit bħala "Dok. A", l-eċċipjenti jeċċepixxu umilment illi l-*frame* ta' l-aluminju imsemmija fid-"Dok. B ", esebit huwa ta' natura temporanja u ma jikkostitwix tibdil strutturali jew tibdil fuq il-faċċata tal-bini ai termini tal-klawsola 10;

12. Illi jeħtieġ illi jiġi pruvat ili l-Awtorita' attriċi sa issa ssussidjat lill-eċċipjenti fis-somma ta' Lm982.30;

Salva kull eċċezzjoni ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrkin flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet fit-30 ta' Ġunju, 2000, li biha ippremettew:

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-azzjoni attriċi sabiex jipproponu s-segwenti kontrotalba tagħhom a tenur ta' l-artikolu 396 Kap. 12, in kwantu tali kontrotalba ġejja mill-istess kuntratt jew titolu li minnu ġejja t-talba ta' l-Awtorita' attriċi rikonvenuta, kif ukoll għaliex l-iskop tagħha huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni attriċi jew li jimpedixxi l-effetti tagħha; u

Illi l-Awtorita' attriċi rikonvenuta ddeċidiet illi taġixxi kontra l-konvenuti rikonvenjenti u twaqqfilhom is-sussidju lilhom konċess fuq talba ta' persuni li qegħdin jirrapprezentaw lilhom infushom bħala rapprezentanti jew addirittura uffiċjali ta' Assoċjazzjoni ta' Residenti, meta fil-fatt tali Assoċjazzjoni qatt ma twaqqfet u/jew tmexxiet skond it-termini tal-ftehim ta' assoċjazzjoni formanti parti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami

esebit mill-Awtorita' attriċi rikonvenuta bħala "Dok. A", liema ftehim qiegħed jiġi esebit bħala "Dok. EC1"; u

Illi l-istanzi ta' ksur kontrattwali allegati mill- Awtorita' attriċi rikonvenuta fil-konfront tal-konvenuti rikonvenjenti japplikaw kull waħda minnhom għal diversi residenti u komproprjetarji ta' Binja Buqana, liema persuni pero' ma ġewx imħarrka mill-Awtorita' attriċi rikonvenuta; u

Illi tali diskriminazzjoni mhijiex waħda inċidentali, iżda hija diskriminazzjoni intenzjonali min-naħa ta' l-Awtorita' attriċi rikonvenuta, u okkazzjonata mill-fatt illi l-konvenut Emmanuel Calleja ilu għal dawn l-aħħar snin imexxi kampanja fil-mezzi tax-xandir kontra l-Awtorita' tad-Djar kif jirriżulta mill-anness "Dok. EC2", minħabba l-fatt illi l-Awtorita' tad-Djar biegħet lir-residenti ta' Binja Buqana residenzi li kienet taf li huma *sub-standard* u mibnija ħażin, ħaga li effettivament illum tirriżulta mhux biss mill-fatt illi l-Binja f'partijiet minnha qiegħdha tikkrolla, iżda anke mill-fatt illi l- Awtorita' stess fetħet kawża flimkien ma' l-istess residenti kontra l-kontratturi li bnew il-Binja in kwistjoni fl-ismijiet *L-Awtorita' tad-Djar et vs Devlands Ltd et*, Cit. Nru. 787/97GV; u

Illi din il-kampanja tal-konvenut rikonvenjenti Emmanuel Calleja hija okkazzjonata mill-fatt illi huwa ma għandux rimedju legali kontra l-istess Awtorita' tad-Djar, stante li l-Awtorita' tad-Djar imponiet fiil-kuntratti tal-bejgħ kollha li hija kkonkludiet mar-residenti odjerni ta' Binja Buqana klawsoli li permezz tagħha ġiet eskluża l-garanzija kontra d-difetti latenti, mentri fl-istess ħin, hija ma ppermettietx lix-xerrejja prospettivi li jaraw l-istess fondi li kienu qegħdin jixtru sakemm ma ġiex iffirmat il-kuntratt, u dan għaliex l-uffiċjali ta' l-Awtorita' kienu jafu ben tajjeb illi ġia dak iż-żmien kienu bdew joħorgu l-konsenturi u d-difetti fil-bini; u

Illi dan l-aġir da parti ta' l-uffiċjali ta' l-Awtorita' kien aġir frawdolenti, li wassal għal sitwazzjoni fejn, għalkemm infetħet kawża kontra l-kuntratturi responsabbli, tali kuntratturi qegħdin jeċċepixxu fil-konfront ta' l-Awtorita' tad-Djar illi l-istess Awtorita' ma għandhiex interess

ġuridiku fil-kawża stante li biegħet il-fondi *de quo* lil terzi u stante li hija mhijiex lanqas responsabbli versu tali terzi in vista ta' l-eskluzjoni tal-garanzija kontra d-difetti latenti, mentri qegħdin jeċċepixxu fil-konfront tar-residenti atturi li huma ma għandhom l-ebda relazzjoni kuntrattwali magħhom, stante li l-appalti in kwistjoni ġew mogħtija mill-Awtorita' tad-Djar; u

Illi għaldaqstant id-deċizjonijiet ta' l-Awtorita' tad-Djar li (I) twaqqaf u tirtira s-sussidju konċess mill-Awtorita' lill-esponenti u (ii) tfittex u titlob permezz ta' l -azzjoni minnha intavolata quddiem din l-Onorabbli Qorti s-sanzjonijiet previsti fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit mill-Awtorita' attriċi rikonvenuta bħala "Dok. A" fil-konfront ta' l-esponenti Emmanuel u Victoria konjuġi Calleja, huma deċizjonijiet li ttieħdu b'mod diskriminatorju, ritorsiv u rikattatorju; u

Illi għalhekk, sija jekk l-allegazzjonijiet magħmula mill-Awtorita' jirriżultaw fondati u sija f'każ illi jirriżultaw mhux fondati, id-deċizjonijiet ta' l-Awtorita' attriċi rikonvenuta li (i) tirtira u twaqqaf s-sussidju minnha konċess lill-esponenti u (ii) tintavola l-proċeduri odjerni huma deċizjonijiet nulli u *ultra vires* ai termini ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) Kap. 12 in kwantu jikkostitwixxu abbuz tas-setgħa ta' l-awtorita' pubblika billi saru għal għanijiet mhux xierqa in kwantu ritorsivi u rikattatorji, u huma msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti in kwantu diskriminatorji ; u

Illi għar-raġunijiet suesposti l-Awtorita' tad-Djar aġixxiet *ultra vires* ai termini ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) Kap. 12, u aġixxiet inoltre b'mala fede jew b'mod mhux ragonevoli, lill-istess Awtorita' hija għaldaqstant responsabbli għad-danni fil-konfront tal-konvenuti rikonvenjenti a tenur ta' l-artikolu 4369A(5);

Tgħid għalhekk l-Awtorita' attriċi rikonvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara nulli u *ultra vires* ai termini ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) Kap. 12 id-deċizjonijiet ta' l-Awtorita' tad-Djar li (i) twaqqaf u tirtira s-sussidju konċess mill-Awtorita' lill-esponenti u (ii) tfittex u titlob permezz ta' l-azzjoni minnha intavolata is-sanzjonijiet previsti fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit mill-Awtorita' attriċi rikonvenuta bħala "Dok. A" fil-konfront ta' l-esponenti Emmanuel u Victoria konjuġi Calleja;

2. Tiddikjara konsekwenzjalment l-azzjoni ntavolata mill-Awtorita' tad-Djar nulla għall-finijiet kollha tal-liġi u tillibera lill-konvenuti rikonvenzjonanti mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Tiddikjara lill-Awtorita' tad-Djar responsabbli għad-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenjenti in konsegwenza għad-deċizjonijiet ta' l-Awtorita' tad-Djar li (i) twaqqaf u tirtira s-sussidju konċess mill-Awtorita' lill-esponenti u (ii) tfittex u titlob permezz ta' l-azzjoni minnha intavolta is-sanzjonijiet previsti fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami esebit mill-Awtorita' attriċi rikonvenuta bħala "Dok. A" fil- konfront ta' l-esponenti Emmanuel u Victoria konjuġi Calleja, tillikwida tali danni u tikkundanna lill-Awtorita' tad-Djar li tħallas lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' attriċi rikonvenuta, minn issa nġunta in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin rikonvenjenti, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-12 t'Ottubru, 2000, li biha l-Awtorita' attriċi rikonvenuta eċċepiet:

1. Illi ma hemmx lok għal kontro talba stante li din ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi;

2. Illi t-talbiet fil-kontro talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi l-konvenuti kisru l-kondizzjonijiet kontrattwali tagħhom u għalhekk it-talbiet fil- kontra taba ma jistgħux ireġu;

4. Illi ma kien hemm ebda deċiżjoni ta' l- Awtorita' tad-Djar li hija ultre vires stante li kull ma għamlet l-Awtorita' tad-Djar kienet li timxi mad-drittijiet mogħtija lilha fil-kuntratt u fil-ħarġa rilevanti li tifforma parti mill-istess kuntratt (Dok. VSG1 hija kopja tal-ħarġa);

5. Illi l-Awtorita' tad-Djar m'aġġixxietx b'mala fide jew b'mod irraġonevoli jew b'mod ritorisv jew rikattatorju jew għal għan mhux xieraq jew b'xi forma ta' diskriminazjoni;

6. Illi minħabba il-ksur ta' kondizzjonijiet tal-kuntratt il-konvenuti qegħdin jusurpaw drittijiet li m'għandhomx u qegħdin jirrendu l-ħajja tas-sidien l-oħra insopportabbli; la darba l-konvenuti ma ridux għall-ġid ta' kulħadd josservaw il-kondizjonijiet imposti fuq kulħadd allura kellhom jinbdew il-proċeduri odjerni;

7. Illi ma kien hemm ebda aġir frawdolenti jew mod ieħor mill-Awtorita' tad-Djar;

8. Illi l-Awtorita' tad-Djar kienet għamlet *Condition Report* ta' kull fond mibjugħ u dan fil-presenza u fuq l-istruzjoni tas-sid sabiex dawk in-nuqqasijiet li jkun hemm jiġu rranġati u għalhekk huwa ċar li l-aġġettivi użati fil-kontro talba u fl-eċċezzjonijiet huma esaġerati u libellużi;

9. Illi t-talbiet kif imposti ma jistgħux jiġu milqugħa u f'kull każ it-talba għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ma tistax ssir fl-istess talba tad-dikjarazjzoni tal-istess danni. Għalhekk it-tielet talba ma tistax treġi;

10. It-tieni talba kif ukoll l-ewwel waħda huma talbiet li kellhom jingħataw in via di eċċezjone u għahekk ma jistgħux jiġu milqugħa;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Awtorita' rikonvenuta, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-25 t'April, 2001, tas-6 ta' Ġunju, 2001, u tal-11 t'Ottubru, 2001, li fihom il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-partijiet kienu qegħdin jagħmlu tentativi li jirranġaw il-kwestjoni barra l-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 t'Ottubru, 2001[1], li matulu l-imħarrkin irtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom dwar id-deżerzjoni;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2002, li bih tat lill-imħarrkin żmien biex iressqu sottomissjonijiet dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tagħhom;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-26 ta' Marzu, 2002;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrkin dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin miżżewġin Calleja;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' penali wara ksur ta' obbligazzjoni kuntrattwali. L-Awtorita' attriċi kienet biegħet post lill-imħarrkin fl-Imtarfa, u ħarġet sussidju fuq

[1] Pa[. 131 tal-pro`ess

is-somma li hima sselfu biex kisbu l-imsemmi post (dar ta' abitazzjoni u garaxx). L-Awtorita' qegħda tixli lill-imħarrkin bi ksur ta' r-rabtiet kuntrattwali tagħhom magħha u qegħda tfittixhomgħall-ħlas tal-penali kif imsemmi fil-kuntratt;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qegħdin jgħidu li l-azzjoni ma tiswiex u li, fil-mertu, m'huwiex minnu li huma jaħtu għall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' bejgħ.  Għall-kuntrarju, jixlu lill-Awtorita' b'nuqqasijiet li, minħabba fihom, batew danni u ħsara.  Huma ressqu wkoll kontro-talba biex jattakkaw id-deċiżjoni tal-Awtorita' li twaqqfilhom is-sussidju;

Illi din is-sentenza qegħda tqis biss l-eċċezzjonijiet preliminari tan-nullita' tal-att taċ-ċitazzjoni, minħabba li l-imħarrkin ma baqgħux jinsistu dwar l-eċċezzjoni preliminari tad-deżerzjoni;

Illi l-imħarrkin qegħdin iressqu żewġ raġunijiet għaliex, fil-fehma tagħhom, l-att taċ-ċitazzjoni attriċi ma jiswiex.  Fl-ewwel lok, huma jgħidu li l-att jikser dak li titlob il-liġl fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi huwa nieqes minn tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talbiet, imsejsin fuq ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali "liema ksur jirriżulta esklussivament minn dokument mhux maħluf allegat maċ-ċitazzjoni, liema dokument ma ġiex notifikat lill-eċċipjenti".  Fit-tieni lok, huma jtennu li ċ-ċitazzjoni ma tiswiex għaliex il-persuna li, f'isem l-Awtorita' attriċi, ħalfet id-dikjarazzjoni naqset li tiddikjara liema fatti kienet taf bihom personalment skond l-artikolu 156(2)(fil-fatt jidher li għandha tkun riferenza għall-artikolu 156(3) tal-Kap 12),  u wkoll sejset id-dikjarazzjoni tagħha fuq dokument imfassal minn terzi li m'humiex parti fil-kawża, li wkoll ma ġiex notifikat lill-imħarrkin;

Illi, minn dan jidher li l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin jistrieħu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 789(1)(ċ)(d) tal-Kap 12;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li flimkien mal-att taċ-ċitazzjoni tressqu żewġ (2) dokumenti:  wieħed hu kopja

tal-kuntratt ta' self u bejgħ li bis-saħħa tiegħu l-imħarrkin kisbu l-post[2]; l-ieħor hu kopja ta' ittra mibgħuta lill-Awtorita' attriċi minn xi residenti ġirien tal-imħarrkin, b'ilmenti kontrihom[3]. Fid-dikjarazzjoni maħlufa minn Victor Sciberras Grioli, ma jingħadx li hemm fatti li jafhom personalment. Mhix kontestat lanqas mill-attriċi li, meta l-imħarrkin ġew notifikati bl-atti tal-kawża, ma kinux ġew notifikati wkoll b'kopja tal-imsemmija dokumenti;

Illi biex wieħed jista' japprezza sewwa xi jfissru l-eċċezzjonijiet taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet _Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino_[4];

Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta' att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll[5];

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik

---

[2] Dok "A", f'pa[[. 6 sa 12 tal-pro`ess
[3] Dok "B", f'pa[[. 13-5 tal-pro`ess
[4] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)
[5] Art 98 tal-Kap 12

taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[6];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[7];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [8];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[9]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[10];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u

---

[6] Ara, per e\empju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[7] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
[8] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[9] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[10] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[11];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[12] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[13];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[14], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [15]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[16], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[17], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[18]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx

[11] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[12] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[13] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe et***
[14] Ara nota 10;
[15] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[16] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***
[17] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[18] App. ~iv. **23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[19];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qegħda tippremetti l-Awtorita' attriċi ma jħalli l-ebda dubju x'inhi tippretendi li sar u xi trid li tikseb bl-azzjoni tagħha. Fuq dan l-istess imħarrkin, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, juru wkoll li fehmu x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qegħdin iressqu għal dawk il-pretensjonijiet tal-attriċi. Minbarra d-difiżi fil-mertu, ressqu saħansitra kontro-talba;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[20], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[21];

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, fil-każ tal-lum, id-difetti lamentati mill-imħarrkin huma żewġ nuqqasijiet li huma jqisu li meħtieġa biex l-attriċi tista' titqies li ressqet att ġudizzjarju li jiswa. Il-mistoqsijiet li dawn l-ilmenti jqanqlu huma jekk, minħabba fihom, irriżultax nuqqas li l-effett tiegħu jwassal għat-tħassir tal-kawża;

Illi l-Qorti trid għalhekk tqis l-atti tal-kawża kif inhuma, u tkejjel dawn mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi, fid-dawl tat-tifsir li ssemma hawn fuq. Biex jintwieġbu dawn iż-żewġ mistoqsijiet, il-Qorti trid tabilfors tħares lejn l-att taċ-ċitazzjoni promotur u tara jekk minnu jinstiltux l-elementi meħtieġa għas-siwi tiegħu: il-Qorti ma tista' tħares lejn l-ebda att ieħor, għalkemm, kif ingħad, id-Dikjarazzjoni maħlufa tal-istess attur tista' tintuża biex isservi biex titfa' dawl fuq il-kawżali. Fil-każ preżenti, id-Dikjarazzjoni

[19] P.A. : **24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)
[20] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[21] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

maħlufa tal-attriċi ma tagħti l-ebda dawl ġdid fuq dak li jingħad fl-att taċ-Ċitazzjoni, għaliex din hija riproduzzjoni kelma b'kelma ta' dik;

Illi dwar il-ħtieġa li l-imħarrek ikun notifikat ukoll b'kopja tad-dokumenti li l-attur iressaq mal-att taċ-ċitazzjoni, il-Qorti ssib li għalkemm dan huwa mixtieq, mhux tassattivament mitlub mill-kliem tal-liġi li jsir hekk. Kemm hu hekk, għalkemm il-liġi tisħaq li l-attur għandu jressaq mal-att taċ-ċitazzjoni d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba[22], l-attur huwa marbut biss li jieħu ħsieb li jinnotfika lill-imħarrek b'kopja taċ-ċitazzjoni, tad-dikjarazzjoni u tal-affidavit li jista' jkun hemm[23]. F'ċerti każijiet, lanqas in-nuqqas tal-attur li jressaq id-dokumenti mal-att taċ-ċitazzjoni ma tqies bħala raġuni tajba biżżejjed biex l-azzjoni titqies ma tiswiex[24]: aktar u aktar, għalhekk, jista' jingħad li n-nuqqas ta' notifika tad-dokumenti lill-parti mħarrka ma jistax jitqies bħala nuqqas li jwassal għat-tħassir tal-att taċ-ċitazzjoni;

Illi dwar in-nuqqas tal-attur li jiddikjara li l-fatti minnu maħlufa jafhom personalment, hemm iżjed x'wieħed jgħid minn dak imsemmi hawn fuq. Dan jingħad għaliex, il-ħtieġa li attur (jew wieħed minn għadd ta' atturi) jaf personalment bil-fatti dikjarati toħroġ minn kliem il-liġi nnifisha fl-artikolu 156(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Peress li d-dikjarazzjoni tqieset dejjem bħala parti sħiħa mill-att taċ-ċitazzjoni, nuqqas f'xi parti essenzjali tagħha jwassal biex titqies daqslikieku ma tkunx saret, u għalhekk ukoll iġġib magħha n-nullita' tal-att taċ-ċitazzjoni[25];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni minn min ikun ħalef id-Dikjarazzjoni li jgħid liema huma l-fatti li jaf bihom personalment huwa nuqqas mhux traskurabbli, li jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12. Dan jingħad aktar u aktar meta wieħed

---

[22] Art. 156(2) tal-Kap 12

[23] Art .157 tal-Kap 12

[24] Ara, per e\empju, App. ~iv. **4.11.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Vella vs ~efai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**) u App. ~iv. **14.11.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Bor[ et noe. vs Grech et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.368**)

[25] Ara, per e\empju, App. ~iv. **9.11.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Abela vs Abela*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.387**); u Kumm. **4.11.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

iqis li l-liġi, fl-artikolu 156(3), tuża l-kelma mandatarja "għandu". Dan juri b'liema fehma l-leġislatur irid li tali rekwiżit jiġi osservat minn min iressaq l-att ġudizzjarju partikolari;

Illi, madankollu, dan biss ma jwassalx biex l-att taċ-ċitazzjoni jitqies ma jiswiex, għaliex hu meħtieġ mill-liġi nnifisha li n-nuqqas ma jkunx jista' jiġi mod ieħor imsewwi taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi[26]. Fil-każ partikolari, minħabba li l-attriċi mhix persuna fiżika, l-obbligu li tiddikjara liema huma l-fatti magħrufin minnha personalment ma jagħmilx sens. Tabilfors li d-dikjarazzjoni trid tkun imressqa minn xi persuna li għandha r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-istess Awtorita' u li mhux tabilfors ikun jew tkun taf personalment bil-fatti li għalihom dik l-Awtorita' tkun ressqet l-att taċ-ċitazzjoni. Jekk, imbagħad, wieħed jippretendi li, sempliċement biex tkun ġiet imħarsa l-formalita' tal-att, min ikun ressaq dikjarazzjoni li formalment ikun stqarr fiha li jaf il-fatti personalment bla ma dan ikun minnu, wieħed ikun qiegħed jistenna li aħjar jittieħed ġurament ħażin milli jkun hemm nuqqas fl-att. Dan m'għandux ikun. Ta' min jgħid ukoll li, f'każ li bniedem (attur) jiddikjara li jaf il-fatti personalment u dan ma jkunx minnu, mhux tabilfors li dan iwassal għat-tħassir tal-att taċ-ċitazzjoni[27] jekk din tista' tiġi mod ieħor imsewwija taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi;

Illi dan juri li n-nuqqas li jilmentaw minnu l-imħarrkin taħt dan il-kap ma huwiex tali li ma jistax jiġi iċċarat waqt is-smigħ tal-każ. Minbarra dan, u fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqasijiet ilmentati mill-imħarrkin dwar l-att taċ-ċitazzjoni, huma ġarrbu b'dak in-nuqqas preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att[28];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

---

[26] Ara l-proviso g]all-artikolu 789(1) tal-Kap 12
[27] Ara P.A. **21.2.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Vella et vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.30)**
[28] Art. 789(1)(`) tal-Kap 12

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** imressqin mill-imħarrkin miżżewġin Calleja bħala m'humiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-partijiet li għadhom ma ġewx trattati.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 ta' Novembru, 2002**